MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2011

Avviz Numru. 358/2008

**Prokuratur Legali Madeleine Firman,**
**bhala mandatarja specjali tas-socjeta'**
**estera 'Schmid and Kahlert'**

**Vs**

**Marie Wagner**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta' rikorrenti talbet sabiex l-intimata tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata thallas lill-istess socjeta rikorrenti, is-somma ta' ghaxart elef, disa' mija u wiehed u tletin Euro u erbgha u erbghin centezmu (€10,931.44) oltre l-imghaxijiet skond il-Ligi dovuti mill-konvenut ghas-servizz tat-trasport ta' diversi mobbli u spejjes ohra relatati, rez mir-rikorrenti nomine lill-konvenuta kif jirrizulta mill-kopja tal-fattura annessa (Dok A) u li l-konvenuta hallset permezz ta' cheque liema cheque ma ssarrafx minhabba f'ragunijiet

imputabbli lilha, kif jirrizulta mill-annessa korrispondenza (Dok B).

Rat, ukoll, l-istess rikors tradott fil-lingwa Ingliza (fol 2 tal-atti).

Rat l-annessi dokumenti markati Dok A u Dok B a fol 3 u fol 4 tal-istess atti.

Rat ir-risposta tal-istess intimata (fol 11 ibid) u li biha esponiet bir-rispett:

1. Illi preliminarjament l-inkompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti rationae valoris stante li t-talba ghas-sorte u l-imghax tizboq il-kompetenza ta' din il-Qorti;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huwa preskritti a tenur ta' artikolu 2147d tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Illi , fil-mertu ukoll minghajr pregudizzji ghal dak gia espost, ir-rikorrenti kienu rcevew hlas as saldu u ghalhekk ma jistghux jipprocedu f'din l-istanza.
4. Illi ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub huwa esagerat.
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 18 tal-atti minn fejn jidher li l-intimata irtirat ir-raba' (4) eccezzjoni, u wara li l-attrici nomine ppresentat nota ta' riduzzjoni u rigward l-imghaxijiet '… fis-sens (li dawn) … jigu limitati ghal €670 (ara ukoll fol 19 ibid), giet irtirata ukoll l-ewwel eccezzjoni waqt li l-partijiet qablu li in rigward it-tieni (2) u tielet (3) eccezzjoni, tinghata sentenza wahda kif hemm jinghad.

Rat, ukoll, dak verbalizzat a fol 23, fol 58, fol 59 u fol 60 tal-atti.

Ikkunsidrat

Illi, hu minnu illi , wara li din il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolo (fol 60 ibid) l-intimata, kif jdiher a fol 61 ibid, pprezentat rikors sabiex il-Qorti

tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza sabiex hi tressaq ix-xhieda taghha u taghmel kontro esamijiet.

Dwar din it-talba, l-istess Qorti kienet ordnat li l-istess rikors jigi notifikat lir-rikorrenti nomine sabiex din twiegeb fi zmien erbat (4) ijiem minn notifika. Pero jigi rilevat illi:-

a) Sallum ma saritx din in-notifika;
b) Din il-kawza giet differita sa mit-22 ta’ Marzu 2010 (fol 23 ibid) sabiex l-intimata tipproduci l-provi taghha u jsir il-kontro ezami hemm indikat.
c) Sussegwentment, inghataw diversi differimenti ghall-istess skop (ara fol 58, fol 59 u fol 60) izda ma giet prodotta l-ebda prova da parti tal-istess intimata.

Illi, ghalhekk, din il-Qorti ma hiex ser tilqa’ t-talba ghal sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u ser tiddeciedi dan il-kaz, fil-meritu, wara li tikkunsidra l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni kif proposta.

Ikkunsidrat

Illi l-eccezzjoni preliminari in esami hi bazata fuq l-artikolu 2147(d) tal-Kodici Civili li jghid illi l-azzjoni ta’ ‘carriers by land or water referred to in articles 1628 to 1631 for the payment of their hire or wages’ hi preskritta bit-trapass ta’ sena’. Dan il-kaz ghall-inkarigu moghti mill-konvenuta lill-attrici nomine sabiex jigu trasportati, lejn Malta minn Franza, diversi oggetti mobili liema inkarigu gie kompletat fil-25 ta’ Novembru 2006. Sussegwentement, kif jidher mill-‘affidavit’ esebit in atti flimkien ma diversi dokumenti a fol 39 ibid, il-konvenuta gabret l-istess oggetti fit-8 ta’ Ottubru 2008 (ara fol 44 ibid). Il-fattura relattiva saret fl-20 ta’ Novembru 2006 u ntbaghtet lill-konvenuta (ara fol 45 ibid) u l-istess konvenuta kienet baghtet ‘cheque sabiex taffettwa l-pagament u dan fl-14 ta’ Novembru 2006. Pero gara li dan ic-cheque ma giex onorat minhabba ‘insufficient funds for the amount’ (ara fol 46 u fol 4 ibid). Sussegwentement fit-22 ta’ Ottubru 2007 kienet giet presentata ittra ufficjali a bazi tal-artiklu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta (fol 53 u fol 55 ibid). Permezz ta’ nota presentata fl-1 ta’ Novembru 2007 l–istess

konvenuta opponiet t-talba kif specifikata fl-istess ittra ufficjali (fol 57 ibid) u ghalhekk giet intavolata din il-kawza fit-22 ta' Ottubru 2008. Ghalhekk jekk wiehed jara d-dati kif sottolineati wiehed jista' jara li l-perjodu ta' preskrizzjoni in esami ma kienx skada u konsegwentement din l-eccezzjoni kif proposta ma tistax tigi akkolta. Ta' min jghid 'obiter' illi, f'dan il-kaz li jinvolvi, ukoll, 'cheque' mhux onorat, il-Qorti hija tal-ftehma illi kien jkun applikabbli l-artikolu 542 tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta li jispecifika terminu preskrittiv ta' hames (5) snin.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward it-tielet (3) eccezzjoni jidher di gja, mill-atti kif esposta, illi l-konvenuta, li kif jidher minn diversi dokumenti ghandha diversi ismijiet ohra oltre dak specifikat fir-rikors in esami, kienet harget 'cheque' li ma giex onorat minhabba li ma kienx hemm fondi sufficjenti fil-Bank sabiex jkoprih. Ghalhekk anke din l-eccezzjoni fl-meritu, ghandha tigi michuda.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward l-imghaxijiet, l-attrici nomine kienet ppresentat, kif di gja ntqal, nota u bhala konsegwenza l-ewwel (1) eccezzjoni kienet giet irtirata. B'din in-nota (fol 19 ibid) jinghad illi, b'referenza ghall-imghaxijiet li ddekorrew sal-presentata ta' din il-kawza fit-22 ta' Ottubru 2008, l-attrici nomine irriduciethom ghall-ammont li ma jottrepassax l-ammont ta' €670. Inoltre, f'kaz li t-talba attrici nomine tigi akkolta, l-imghaxijiet bejn l-istess presentata u d-data ta' din is-sentenza kellhom jizdiedu mal-ammont di gja specifikat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet tal-attrici nomine u tikkundanna lill-konvenut sabiex thallas lill-attrici nomine is-somma ta' €10,931.44 bhala sorte kif ukoll €676 bhala imghaxijiet, dovuti sat-22 ta' Ottubru 2008 oltre l-imghaxijiet legali mit-23 ta' Ottubru, 2008 sat-23 ta' Marzu 2011, b'riserva favur l-attrici nomine ghal imghaxijiet ulterjuri mill-24 ta' Marzu 2011 sad-data tal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes ta' din il-procedura inkluzi

dawk tal-ittra ufficjali, gja msemmija, presentata fit-22 ta' Ottubru 2007 dawn ghandhom jithallsu mill-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------